MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 120/2014

Il-Pulizja

(Spettur Johann Fenech)

Vs

Seida Djallo

*Omissis*

Illum 4 ta' Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Sedia Djallo, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 58747A, flimkien ma *omissis,* quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

talli, f'dawn il-Gzejjer, nhar it-12 ta' Mejju, 2012, u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1. Kellhom fil-pussess taghhom id-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-Disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, meta ma kinux b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollhom id-droga msemmija fil-pussess taghhom, u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom;

2. U aktar talli kkomettew l-imsemmija reat fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, klabb jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, skont l-Artikolu 22(2b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fl-11 ta' Marzu, 2014, fejn il-Qorti fuq ammissjoni, sabet htija, u dan wara li rat l-Artikolu 22(2b) - l-aggravju tal-mitt (100) metru anke wara li rat ir-relazzjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri, Dok VS a folio 253; it-Taqsima 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN 292/1939; l-Artikolu 22(2)(b); u l-Ewwel Skeda u t-Tieni Skeda tal-istess Kap imsemmi.

Dwar il-piena, qieset illi l-imputati rregistraw l-ammissjoni taghhom wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, u anke wara li ntalbu diversi differimenti biex id-Difiza tibda bil-provi taghha.

Illi kkonsidrat ukoll illi l-piz misjub kien wiehed konsiderevoli ta' 339.57 grammi, bil-purita' ta' circa 58.3% - ammont dan pjuttost konsiderevoli, certament mhux negligibbli, dan considerando wkoll illi il-prezz bl-imnut ta' din id-droga kien ukoll wiehed ossai konsiderevoli ta' sebgha u ghoxrin elf mija u sitta u sittin Ewro (€27,166).

Illi wiehed ghalhekk jista' japprezza kemm kienet ser tkun imferxxa d-distribuzzjoni tal-ammont involut, ghax l-ammont innifsu jaghti lok ghal distribuzzjoni tad-droga.

Illi l-Qorti, semghet ukoll lid-Difiza tissuggerilha li ghandha titratta bid-droga b'nofs ghal imputat wiehed u nofs ghall-iehor. Frankament din il-Qorti ma sabet xejn li jista' jwassalha ghal dan. Ammettew huma, kull wiehed ha r-responsabbilta' ghall-ammont kollu misjub, u l-Qorti ghal dan sabet il-htija.

Ghaldaqstant tikkundannat lil Sedia Djallo u *Omissis* ghal piena karcerarja effettiva ta' sitt(6) snin kull wiehed u ghal multa ta' tliet elef Ewro (€3,000) kull wiehed.

Ikundannathom ukoll ihallsu bejniethom is-somma ta' sebat elf tminn mija u tmienja u sebghin Ewro u erbatax-il centezmu(€7,878.14), cioe' tliet elef disa' mija u disgha u tletin Ewro u seba' centezmi(€3,939.07) kull wiehed, u dan wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bhala spejjez peritali nkorsi.

Ordnat wkoll id-distruzzjoni tad-droga ezebita KB438.2012, u kif ukoll il-konfiska tal-flus ezebiti ammontanti ghal elfejn u tliet mitt Ewro (€2,300) bin-numru KB 206.2012, in vista' tac-cirkostanzi li nstabu l-istess flus.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Sedia Djallo, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Marzu, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, tirriforma s-sentenza appellata billi thassar dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-piena karcerarja effettiva ta' sitt sninu ghal-multa ta' tliet elef Ewro (€3000) kif ukoll ordnat li huwa jhallas nofs l-ispejjez peritali ai termini tal-Artikolu 533, u minflok timponi piena anqas harxa u tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet manifestament harxa u gravuza u li ma taghmilx tajjeb ghall-kaz odjern.

Illi kif jirrizulta mill-atti tal-kawza, fil-kaz odjern l-ammont tad-droga misjuba kien ta' cirka 340 gramma kokaina. L-esponent flimkien mal-koakkuzat kien akkuzat biss bil-pussess aggravat ta' tali droga u mhux bit-traffikar tal-istess. Lanqas ma kien akkuzat bl-importazzjoni ta' dik id-droga u/jew li huwa kien b'xi mod assocja ruhu ma' xi hadd sabiex jittraffika jew jimporta d-droga, u allura l-imputazzjoni li ghaliha huwa kien qed jigi kkundannat kienet wahda u wahda biss. Dan kollu qed jinghad ghaliex dan il-opunt, u cioe' n-natura u t-tip ta' akkuzi, flimkien mal-ammont tad-droga, kien dak li dwaru d-difiza sahqet l-aktar fil-kors tas-sottomissjonijiet orali dwar il-piena, li minnhom pero' jidher evidenti li l-ewwel Qorti ma kkunsidrat xejn.

Tabilhaqq l-esponent jispjega illi meta mqabbla ma' sentenzi ohra fejn l-imputazzjonijiet kontra l-akkuzat kien ferm aktar u li kienu jinkludu reati ta' traffikar effettiv tad-droga (li ma kienx hemm f'dan il-kaz) u fejn it-traffikar kien sehh fuq medda taz-zmien (u allura r-reat jaggrava ruhu ghax kontinwat) l-piena applikata f'dan il-kaz tistona, tistona mhux ftit.

Oddjuzi kemm huma oddjuzi certu paraguni, fil-kawzi tad-droga huwa inevitabbli li dawn isiru u dan ghaliex il-parametri tal-piena huma ferm u ferm akbar peress illi l-massimu jitla sal-prigunerija ghall-ghomor. Il-kawzi kienu, The Republic of Malta vs Andrew Rodney Molt, The Republic of Malta vs Pietka u The Republic of Malta vs Mike Diala. F' dawn it-tlett kazijiet il-piena ta' prigunerija applikata kienet ta' sitt snin, hames snin u nofs u seba' snin rispettivament. L-ammon ta' droga nvoluta kienet 400gramma, 550 gramma, u oltre 1 kilo rispettivament (fl-ewwel kaz pero' ta' Molt id-droga kienet mephedrone). Fit-tlett kazijiet li huma l-imputat wiegbu li kienu hajta mhux biss ta' pussess aggravat tad-droga izda adirittura ta' traffikar fuq medda ta' xhur u fuq skala mhux zghira, ta' importazzjoni u kif ukoll talli wettqu dawn ir-reati billi assocjaw ruhhom ma tarzi. Illi ghalhekk allura huwa ferm u ferm evidenti illi l-piena ta' sitt snin prigunerija fil-kaz tal-esponent, meta mqabbla mal-kazijiet citati, zgur illi ma jibqa ebda dubbju illi dik hija piena manifestament eccessiva.

L-esponent jirrileva wkoll illi l-prosekuzjoni stess kienet iddikjarat fil-miftuh waqt it-trattazzjoni orali illi l-piena ta' prigunerija adegwata kellha tkun dik ta' 5 snin prigunerija flimkien mal-multa u allura anki ghalhekk li l-piena erogata hija wahda gravuza.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fit-tnax (12) ta' Mejju tal-elfejn u tnax (2012) il-pulizija kellha informazzjoni illi kienet qed tigi traffikata d-droga mill-fond Flat 1, Ville Court, Paceville. Il-pulizija ghamlu eruzzjoni go dan il-flat u sabu 'l-imputat Djallo flimkien ma' persuna ohra. Hemmhekk, fuq il-mejda tal-kcina sabu mizien, sikkina, tape wiesa', boroz tal-plastic li fihom kien hemm zewg kapsoli, roll tissue paper u nofs card tal-Vodafone tal-plastic maqsuma bi tracci bojod fuqha. Sabu anke tracci bojod fuq il-mejda. Fil-kamra tas-sodda tal-appellant Djallo kien hemm basket b'diversi kapsoli. Dawn kienu mpoggija mal-art. Kien hemm ukoll flus kontanti fl-ammont ta' elf, tlett mija u ghaxar ewro (€1310) li kienu go bagalja illi c-cavetta taghha ttiehdet minn persuna ohra. Il-kapsoli kienu suspettati droga u kien hemm madwar tlett mija u erbghin gramma kokaina, purità ta' 58.3%. L-appellant u persuna ohra gew imressqa l-Qorti biex iwiegbu ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat u b'sentenza tal-hdax (11) ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant u persuna ohra hatjin tal-akkuzi u ikkundannathom ghal sitt snin prigunerija plus multa ta' tlett elef ewro (€ 3,000) kif ukoll biex ihallsu l-ispejjez tal-perizji.

L-appellant Sedia Djallo hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-piena erogata kienet harxa u gravuza wisq fil-konfront tieghu. Ghamel paragun mad-diversi kazijiet illi kien hemm ricentement fejn cirka l-

istess ammont ta' droga kienet maqbuda fejn gew erogati pieni inqas. Semma' ukoll forma ta' patteggjament jew suggeriment illi kien sar mid-Difiza fejn originarjament kienet talbet piena komplessiva ta' hames (5) snin, waqt li l-Prosekuzzjoni kienet talbet sitta (6).

Ikkunsidrat:

Rigward is-suggeriment tal-piena, l-Qorti tinnota illi mill-bidu nett ma kienx hemm ftehim bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza u b' verbal tat-tmintax (18) ta' Frar tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 339) il-Qorti ghamlitha cara illi ma kinitx se thossha marbuta ma' ebda piena u patteggament. Wara din id-dikjarazzjoni irrizulta li l-imputati baqghu jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom. Din il-Qorti tinnota illi l-argumenti li d-Difiza ta' Djallo gabet quddiem din il-Qorti fi stadju tal-appell huma l-istess illi ngabu quddiem l-ewwel Qorti fit-trattazzjoni illi hija traskritta f'dan il-process. Izda l-Qorti qieset li l-imputati irregistraw l-ammissjoni taghhom wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha u anke wara li ntalbu diversi differimenti biex id-Difiza tibda bil-prova taghha. L-ewwel Qorti ukoll ikkunsidrat il-piz tal-kokaina ta' kwazi tlett mija u erbghin gramma kif ukoll il-purità ta' cirka 58.3%, percentagg pjuttost konsiderevoli, izda certament mhux negligibbli. L-ewwel Qorti ukoll ikkunsidrat l-osservazzjonijiet illi gabet id-Difiza però minkejja kollox dehrilha illi kellha taghti piena karcerarja effettiva ta' sitt (6) snin ghal kull imputat, kif ukoll multa ta' tlett elef ewro (€ 3000) kull wiehed u l-ispejjez peritali.

Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti la darba irrizulta li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-pricipju regolatur hu li mhux normali illi tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk jirrizulta li l-piena inflitta tkun fil-parametri tal-ligi. Irrizulta illi l-piena inflitta hija fil-parametri tal-ligi u din mhux qed tigi ikkuntestata bhala fatt izda biss illi l-appellant ippretenda illi l-ewwel Qorti kellha teroga piena anqas milli dak fil-fatt erogat. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------